Minuti tal-laqgħa numru wieħed u tletin (31) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2021 fil-Bini Muniċipali f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Alexander Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| Skużat: | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier (bagħat jinforma lis-SE) |
| Assenti: | Is-Sur Alan Said | Kunsillier |
| Uffiċjali: | Is-Sur Raymond Demicoli | Notebook Centre |
| | Is-Sra Romina Perici Ferrante | Accountant |

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm billi is-Sur Raymond Demicoli ta preżentazzjoni lill-kunsillieri tal-**offerta tan-Notebook Centre** bażikament biex ikun hemm formatting u jitneħħew il-viruses mill-computers tar-residenti Rabtin. Din il-proposta tressqet għall-vot wara li ppoponiha is-Sindku u ssekondaha il-Viċi Sindku u għaddiet unanimament (Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti, li kienu fiżikament imlaqqà fil-board room, u s-Sur Chris Farrugia, is-Sur Nazju Cassar u s-Sur Ian Vassallo, li kienu on-line fuq skype); jiġifieri li jitħallsu għal sena l-ammont ta' Eur5,000 biex jingħata servizz lir-residenti Rabtin fuq il-computer personali tagħhom bħas-17-il Kunsilli Lokali ieħor li ffirmaw il-ftehim ma' Notebook Centre.

Fis-6.30pm is-Sra Romina Perici Ferrante tat preżentazzjoni dwar il-**Financial Statements 2020** u l-aħħar rapport finanzjarju tal-kwart tas-sena 2020. Hija qalet illi l-KLR għalaq b'*deficit* ta' Eur116,000 peress li kien hemm nofs miljun ewro deprezzament, liema figura kienet għolja daqshekk minħabba li l-ispiża kapitali fuq il-fanali tad-dwal, inqatgħet f'sena waħda (e.ż. bħall-imirja u t-tabelli tat-traffiku). Madankollu kien hemm żieda ta' miljun Ewro f'Assi kapitali u fl-aħħar tas-sena 2020 kien hemm likwidità ta' kważi Eur1.9 miljun. Il-*financial statements* tpoġġew għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u dawn għaddew unanimament. Għal dan il-vot, ivvutaw żewġ kunsillieri oħra li daħlu on-line sas-7.10pm, jiġifieri is-Sur Kris Grech u s-Sra Doris Coleiro. Aktar tard fil-laqgħa, s-Sindku semma l-proposti għal-113-il fanal tat-toroq dekorattivi ġodda flok dawk antiki biex jitwaħħlu f'diversi toroq: Triq il-Kulleġġ, Triq il-Katakombi, Triq Santa Rita, parti minn Triq Bir ir-Riebu (il-biċċa one-way), Triq Rebħa, Triq Doni, Triq Kilin, Triq Santu Wistin, Triq il-Karrijiet, Triq il-Mużew u fi Vjal Santu Wistin.

31.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-SE qal illi irċieva talba mis-Sur Rudolph Grima illi ma setax ikun magħna f'din il-laqgħa u talbu jiskużah. Dan kien skużat.

Ittri ta' apoloġija

31.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tletin (30)**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-Viċi Sindku is-Sur Matthew Chetcuti kellhom emanda u talba biex jiżdied paragrafu mal-minuti, rispettivament. Il-paragrafu kien jittratta dwar il-proposta tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart komuni bejn il-lokalitajiet tar-Reġjun Tramuntana. Saret il-korrezzjoni fil-minuti u dawn kienu mgħoddija għall-vot mis-Sindku u ssekondati mill-Viċi Sindku u għaddew unanimament.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru 30

**PUNTI MIL-MINUTI**

31.02.01 Dwar il-Basso Relieve tal-Baħrija, is-Sindku qal illi se nidħlu għal dan il-proġett bl-ispiża inizjali tad-depożitu lill-Jennings Falzon tkun murija fil-Works/Purchase Order 38 item 11 li għaddiet b'mod unanimu.

Basso Reliev

31.02.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-Ġnien ta' Għar Barka u qal li dan hu kważi lest u jonqos biss is-CCTV cameras u l-Internet biex ikunu moniterati remotament. Dwar jekk għandhomx isiru *dog bins* fil-ġnien, se naraw x'se jkun hemm eżatt fuq it-tabella fl-entratura. Jekk din tgħid li hu tollerat kelb biċ-ċinga, dawn id-dog bins se jitwaħħlu

.

Ġnien Għar Barka

31.02.03 Dwar ix-xiri tal-van, is-SE qal illi l-applikazzjoni tad-*direct order* li saret mil-Kunsill kienet milqugħa mill-Onor Ministru Josè Herrera LL.D, MP peress li din kienet akbar mit-*treshold* (u riedet approvazzjoni tal-Ministru u mhux tad-Direttur Ġenerali.) Issa l-van se jinxtara minn għand Ventur tal-Mosta *b'direct order.*

Van tal-Kunsill

31.02.04 Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, qal illi l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni sabiex il-ħwienet/garaxxijiet fl-appartamenti t'Għajn Qajjet issa mxiet pass mgħaġġel wara li propju l-fatt li llum stess saret on-line mis-SE u se titla' bord quddiem l-Awtorità tal-Artijiet. Intant, sid garage numru 3 se jirrinunzja l-fond biex b'hekk se jkun hemm garage wieħed li qed jintuża li mhux se jkun f'idejna.

Ħwienet fl-appartamenti t'Għajn Qajjet

31.02.05 Dwar l-intervisti tal-istaff, kien konfermat mis-SE illi applikaw għal żewġ sejħiet interni s-Sra Fabienne Vassallo u s-Sra Shirley Bonanno. Se jsiru l-arranġamenti biex isiru l-intervisti mil-bord maħtur fil-laqgħa preċedenti.

Sejħiet Interni

31.02.06 Is-Sur Sandro Craus qal illi l-Onor Alex Muscat MP, permezz tal-Fond għaċ-Ċittadinanza b'Investiment, laqa' t-talba tagħna biex tkun restawrata in-Niċċa ta' San Pawl ta' fuq is-Saqqajja. L-ispiża tagħha hija ta' Eur100,000 u għaldaqstant se jkun iffirmat MOU f'dan is-sens. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se ssir laqgħa mal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp biex ix-xogħol jibda' fis-Sajf li ġej.

Restawr tan-niċċa ta' San Pawl

31.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 318 (amendata) u 319 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 37 u 38**

Kienu kkunsidrati u approvati iċ-ċedola tal-pagamenti 318 amendata skont kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti, ċ-ċedola numru 319 u l-Works/Purchase Orders 37 u 38.

Ċedoli tal-pagamenti u Works/Purchase Orders

31.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm.

31.05 **Ċirkulari SPI/SCI/1/2021 – Skema tar-Restawr**

Skema tar-Restawr taċ-

Is-SE f'isem il-KLR issottometta l-applikazzjoni tar-restawr taċ-ċnut taz-zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali wara li rċieva l-istima mill-Uffiċċju tal-Perit Charles Buhagiar kif ukoll il-konferma u l-aċċettazzjoni tal-Wisq Rev Arċipriet, il-Kanonku Louis Suban. ċnut taz-zuntier tal-Bażilika

31.06 **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' pavimentar RLC/T/196/20** Offerta Pubblika RLC/T/196/20

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat, ikkunsidra r-rapport ta' evalwazzjoni tal-pavimentar fejn qabel mal-Bord li dan jiġi mogħti lill-Catbros Ltd wara li l-Kunsill jassigura ruħu illi dawn se jaderixxu mal-kuntratt, u li verament fehmu l-istess kuntratt fl-intier tiegħu.

31.07 **Talba għal kumpens minħabba ħsarat fuq vettura** Talbiet ta' kumpens għal ħsarat fil-vetturi

Il-KLR ikkunsidra u ddiskuta dwar iż-żewġ talbiet, dik ta' Leeroy Sant fl-Imtaħleb kif ukoll dik tas-Sur Jonathan Calleja fi Triq it-Tiġrija. Peress li r-rapport tal-Pulizija fiż-żewġ każijiet ma sarx, dak in-nhar tal-aċċidenti, u għalhekk mhux possibbli li wieħed ikun ċert li verament seħħ l-inċident f'dak il-post, il-Kunsill iddeċieda li ma joħroġx ir-re-imbors tal-ispejjeż taż-żewġ każijiet separati. Sadanittant is-SE kien mitlub iġib stima biex il-parti fejn qed isiru diversi aċċidenti fi Triq it-Tiġrija, titqaxxar u tingħata saff *hot tarmac.*

31.08 **Radju tal-Komunità - Frekwenza 93.3 fuq l-FM** Radju tal-komunità

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar l-offerta li għamel lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, is-Sur Joseph Micallef, waqt laqgħa li kellhom miegħu hu, u s-SE. Is-Sur Craus qal illi dan ir-radju tal-komunità qed jiġi offrut lilna fi żmien li mhux qed jingħataw aktar frekwenzi mill-*Malta Communications Authority* u l-offerta ta' Eur6,700 hija waħda verament vantaġġjuża peress li tkopri diversi spejjeż. Madankollu, ntqal illi jrid ikun hemm il-kunsillieri li jmexxuh b'suċċess u fir-rigward ta' introjtu mir-reklami biex ikun sostenibbli, il-KLR irid jgħaddi bye-law ad hoc filwaqt li dan ir-radju għandu jkun awtonomu mill-att ta' finanzi tal-Kunsill. Is-Sur Craus qal illi l-ambizzjoni tiegħu hija illi fil-post li kienu offrew il-Kunvent Santu Wistin lil resident bla saqaf, jiġi dedikat għar-Radju tal-Komunità u r-resident li qed jgħix hemmhekk jinstablu post aktar addattat biex jgħix fih.

31.09 **Skedar propost fl-inħawi ta' Sqaq San Franġisk u Sqaq fi Triq Cosmana Navarra** Propost skedar ta' propjetà

Il-KLR iddiskuta fit-tul dwar l-inħawi li qed ikunu proposti biex jiġu skedati mill-Awtorità tal-Ippjanar fiċ-ċentru urban tar-Rabat. Id-diskussjoni kienet iffukata fuq Sqaq San Franġisk kif ukoll fuq l-Isqaq fi Triq Cosmana Navarra li jidher li kienu sottomessi pjanti ġodda mill-iżviluppaturi biex iseħħ bini fl-istess sit. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se nkunu spalla ma spalla mal-familja Theuma speċjalment minħabba li tali żvilupp se jkun qed ipoġġi ħajjet dawn il-persuni u oħrajn bħalhom fil-periklu. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament illi joġġezzjoni għal PA 07689/16 minħabba raġunijiet ta' saħħa u fl-istess ħin biex nippreservaw il-parti tal-Imdina l-antika, liema djar jagħtu għal fuq ir-riħ ta' dan il-foss.

F'dan il-mument issemmew id-diversi ittri li kietbu il-Familja Theuma lill-Prim Ministru, l-Onor Robert Abela kif ukoll lill-Ministru tal-Ambjent, l-Onor Aaron Farrugia f'dan ir-rigward.

31.10 **Oġġezzjoni għal propost Żvilupp PA 08910/20 – Petizzjoni (mhux iffirmata) minn 60 persuna** PA8910/20 Housing Soċjali

Il-kunsillieri tal-KLR kellhom kopja tal-petizzjoni li ntbagħtet mal-Agenda dwar l-iżvilupp fuq imsemmi fi Triq it-Torri, kantuniera ma' Triq Ħal Tartarni. Is-Sur Chris Farrugia qal illi f'dan is-sit diġa' teżisti problema tat-traffiku filwaqt li s-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi dan hu każ ta' *housing soċjali*. Hu qal illi għad

hawn nies li qiegħdin fil-kesħa għax m'għandhomx fejn jistkennu u dan jista' jkun ta' sit idejali fejn joqgħodu. Insista illi hu qatt ma semma' l-aspett politiku. Hu qal illi imissna nistħu niftaħru kemm jinġabru flus għall-Istrina u imbagħad hemm persuni li m'għandhomx fejn joqgħodu. Is-Sur Sandro Craus qal illi dan kollu jgħidu filwaqt li qal li hu l-aktar wieħed li kien imissu joġġezzjoni għaliex hija l-propjetà tiegħu li se tkun żvalutata l-iżjed. Żied jgħid illi jemmen fil-prinċipji tas-soċjaliżmu li kulħadd għandu jkollu dar fejn jistkenn u ma jħossux komdu jmur kontra dawn il-prinċipji.

Għaldaqstant hu ħareġ mil-kamra għaliex ħass li kellu interess personali. Għal din il-parti tal-laqgħa, jiġifieri mit-7.50pm 'il quddiem, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. Is-Sur Matthew Chetcuti jemmen li dan hu proġett soċjali u m'għandniex noġġezzjonaw kontra l-istess proġett u bħala soċjalist jemmen li hu importanti ħafna. Madankollu għandna niddiskutu dwar it-*traffic managment* biex jitjieb f'din iz-zona.

Chris Farrugia qal illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, lanqas ħaġa li nistgħu nagħmlu, hija li nitolbu lil Perit tal-Iżviluppatur jiġi jkellimna u naraw x'inhu l-ħsieb tagħhom. Hu tkellem fuq il-problema tat-traffiku li se tiżdiedu, filwaqt li stqarr li lanqas hu mhu kontra li jkun hemm *housing* soċjali. Madankollu hu qal illi wieħed jista' jara l-pjanijiet li għandhom l-iżviluppaturi u stqarr li mhux sew illi jkun hemm żvalutar tal-propjetà b'dan il-mod minħabba l-iżvilupp propost.

Kris Grech qal illi hu jaqbel mal-argumenti li ġabu is-Sur Chris Farrugia u s-Sur Sandro Craus u jaqbel illi jiġu u jispjegawlna x'ser isir fuq din l-art verġni.

Is-Sur Matthew Chetcuti qal illi tajjeb li nitolbu klarifika mill-Housing Authority sabiex inkun nafu aktar dwar dan il-proġett u naraw li ma jkollniex problemi ta' traffiku ħalli jkunu indirizzati l-problemi minn qabel.

Sadanittant is-SE se jgħaddi l-pjanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar lill-kunsillieri kollha ħalli jkunu aktar jafu dwar din l-applikazzjoni PA8910/20.

31.11 **Rapport finanzjarju (cash basis) ta' Jannar 2021 magħmul mis-Sur Marco Scerri** — Rendikont Finanzjarju Jannar 2021

Is-Sur Marco Scerri ta rendikont fi kliemu dwar kif kien l-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fix-xahar ta' Jannar 2021. Hu qal illi f'Jannar il-Kunsill spiċċa għamel surplus ta' €2,338.

31.12 **Punti Oħra**

31.12.01 Is-Sur Matthew Chetcuti qal illi fil-laqgħa li għaddiet tar-Reġjun Tramuntana, saret dikjarazzjoni dwar il-kuntratt konġunt, li se joħorġu l-KLi dwar il-ġbir tal-iskart. Hu qal li kien hemm kunsilli kbar oħrajn fir-reġjun li ma jaqblux li jsir hekk u skont il-President tar-Reġjun, l-istorja tal-iskart tidher li għadna xi ftit lura milli jkun hemm qbil dwarha. — Kuntratt konġunt – Ġbir ta' skart

31.12.02 Is-Sur Matthew Chetcuti qal illi hemm proposta oħra mir-Reġjun Tramuntana, illi r-Reġjun joħroġ tender komuni għal-lokalitajiet kollha għall-ingaġġ ta' Contracts Manager, iżda dan jitħallas xorta mill-kunsill. Hu tkellem dwar il-vantaġġ ta' dan kollu f'każ ta' *leave u sick leave* mill-*contract manager* u qal illi fil-każ tar-Rabat, peress li l-kuntratt ikun kbir minħabba l-*outskirts,* dan ma jreġix għax jibża' illi l-*Contracts Manager* ma jkunx infurmat biżżejjed dwar x'qed jiġri. — Kuntratt konġunt – Contracts Manager

31.12.03 Is-Sur Chris Farrugia qal illi hemm bżonn li jitranġa d-dawl tat-triq kif nidħlu fejn Triq Kola Xara għaliex hemm xi tliet lampi kollha maqtugħin. — Lampi maqtugħin

31.12.04 Is-Sur Chris Farrugia ppropona *bin* tal-klieb fejn hemm l-4 *litter bins* oħra fuq in-naħa taz-zebra crossing fil-Pjazza ta' San Duminku. Dog bin f'Misraħ San Duminku

31.12.05 Is-Sur Chris Farrugia qal illi hemm bżonn li jkunu irranġati żewġ *doggy bins* viċin is-Seminarju f'Tal-Virtù għaliex dawn kienu mwaqqgħin u oħrajn viċin l-iskola taċ-Ċagħqi. Doggy bins imċaqalqin

31.12.06 Is-Sur Chris Farrugia irrefera għal sinjal tat-traffiku mgħawweġ fi Triq il-Merħliet kif ukoll mera mċaqalqa fi Triq l-Ursolini fl-istess inħawi. Dawn se jkunu rranġati kollha mill-*handymen.* Mera u sinjal tat-traffiku mċaqalqin.

31.13 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Kien deċiż illi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali tar-Rabat issir nhar l-10 ta' Marzu 2021 fis-6.00pm u l-aġġornament ta' din il-laqgħa sar fit-20:26.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 10 ta' Marzu 2021 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku